MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 88/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Herbert Cassar**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra n-Nutar Herbert Cassar ta’ 58 sena bin il-mejjet Andre Joseph u Josephine nee Ferrante imwieled tas-Sliema fit-18 t’Awwissu 1948 u joqgħod 8 Tirq Vincenz Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 730548 (M)

Akkużat talli f’Settembru 2006 u fis-snin immedjatament preċedenti f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti maħgmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew maħgmula b’riżoluzzjoni waħda, approprija ruħu,

billi dawwar bi profit għalik jew għal eprsuan oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġ jew li jsir użu minha speċifikat u cioe’ s-somma ta’ Lm350 għad-detriment ta’ Mario James, ai termini tal-artikoli 18, 293, u 294 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex, f’każ ta’ ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 jekk jinħatru xi esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 7305 tal-1948, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokument IP a fol 12, id-dokument JG a fol 15,

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

Ikkunsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni, il-Pulizija kellha complaint minn għand ċertu Mario James li huwa kien ikkonkluda kuntratt fis-6 ta’ Marzu 1996, kien ta Lm 350 lin-Nutar għall-ħlas tat-taxxa iżda skopra li l-kuntratt ma kienx għadu insinwat.

Fl-istqarrija tiegħu n-Nutar kein spejga li l-flus kienu parti capital gains u parti stamp duty. In-Nuta spjega li ma setax jinsinwa l-kuntratt għax ma kinux indikati l-irjieħ. Lill-klijent kien qallu li ma setax jinswa qabel jiagħtih l-irjiħat. Meta kien mar għandu Mario James in-Nutar kien qallu li

għad ma kellux l-irjieħ. Fi żmien l-istqarrija kollox kien regolarizzat.

Li fis-6 ta' Frar 2008, kien xehed Ivan Portelli mill-Uffiċċju tat-Taxxi Interni fejn ikkonferma li fil-11 ta' Settemrbu 2006 kien sar ħlas f'isem in-Nutar minn Mario James liema ħlas kien jammonta għal Lm175. Il-kuntratt kien sar fis-6 ta' Marzu 1996.

Xehed ukoll Joseph Genevose, Principal Land and Public Registry, li kkonferma li l-kuntratt imsemmi kien insinwat.

Xehed il-kwerelant Mario James li qal li kien xtara stalla (jew żewġt ikmamar) u meta mar jagħmel ir-riċerki dan il-post ma deherx. Huwa kien mar għand in-Nutar u wara għamel ir-rapport. Ixx-hud qal li llum il-ġurnata kollox kien sew u kein irranġa kollox man-Nutar quddiem il-Prosekutur stess iżda mbagħad xi ħatt ressaq il-każ. Ix-xhud qal ukoll li meta lin-nutar kien qallu li l-kuntratt ma kienx insinwat, in-Nutar baqa' sorpriż u beda jgħidlu li ma setax ikun. (fol 27).

Difiża

Xehed in-Nutar li qal li hwua kien għamel kuntrat lis-sur Mario James u ftit wara għamillu kuntratt ieħor. It-tenjn kienu għas-sena 1996. Li ġralu kien li biċ-ċekk tal-ewwel kuntratt ħallas it-tieni wieħed u tat-tieni kuntratt kien ħallashom bi flus stess u c-cheques li kien tah Mario James baqgħu għand in-Nutar. L-imputat kompla jispjega li l-ewwel boll ma kienx tħallas għax kien uża ċ-ċekkijiet tal-ewwel kuntratt biex iħallas it-tieni. Imbagħad għat-tieni kuntratt kien ħareġ il-flus minn butu u ċ-ekkijeit tat-tieni kuntratt baqgħu f'idejn in-Nutar. (Ara wkoll il-fotokopja a fol 39).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirriżulta li kien sar kuntratt fis-sena 1996 u li sa żmein wara sew kien għadu mhux

insinwat. Il-pożizzjoni kienet regolarizzata qabel ma tressaq l-imputat il-Qorti.

L-ewwelnett il-Qorti m'għandha ebda dubju dwar il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni – jiġifieri li kien sar kuntratt u li ma ġiens insinwat u li kienu ngħataw żewġ ċekkijiet lin-nutar sabiex titħallas il-capital gains tax kif ukoll it-taxxa tal-boll.

L-imputat dawn il-punti ma kkonfutahomx. Biss fl-istqarrija qal li kien hemm problelm għax ried jindika l-irjieħ fil-kuntratt u dawn l-irjiet ma ngħatawx lilu. Iżda mbagħad induna wkoll li lill-istess klijent kien għamillu żewġ kuntratti fi żmien ftit tax-xhur.

In-nutar kien ħallas dak li kien dovut għat-tieni kuntratt bil-flus li kien mogħti għall-ewwel waqt liċ-ċekkijiet li kienu ngħatawlu mill-istess klijent għat-tieni kuntratt kienu baqgħu għandu u llum ma jissarfux L-imputat spjega wkoll li kien ħareġ xi flus mill-but biex tħallas it-tieni kuntratt. [1]

**Punti Legali**

Issa l-Prosekuzzjoni użat it-terminoloġija tal-artikolu 293 li jirrikjedi din il-kwerela. Għalhekk il-Qorti qed tillierba lill-imputat minn kull imputazzjoni taħt dan l-artikolu stante t-tneħħija tal-kwerela mill-kwerelant waqt li kien qed jixhed.

Iżda l-Prosekuzzjoni semmiet ukoll l-artikolu 294 tal-Kap 9 iżda mkien fiċ-ċitazzjoni m'hemm id-diċitura tal-artikolu 294. L-artikolu 294 huwa msemmi bħala numru biss. Għalhekk ġaladarba ma jirriżultax li l-imputat kien akkużat formalment bl-artikolu 294, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni taħt dan l-artikolu.

**Mertu**

[1] Iż-żewġ ċekkijiet iġibu n-numru 22-013 (fol 39) u jkopru M252. L-ewwel ċekkijiet kien jkopru Lm350.

Iżda l-Qorti ser tmur oltre. Huwa prinċipju kardinali fil-liġi kriminali li '**actus non facit reus nis mens sit rea'**. Mill-provi jirriżulta li l-imputat kien ħallas ta' kuntratt sussegwenti li għamel l-istess klijent tiegħu flok għall-ewwel. Jidher ukoll li dawn iż-żewġ kuntratti saru fis-sena 1996 u li t-tnejn saru b'xi xhur differenza bejniethom. Jirriżulta wkoll li dwar l-ewwel kuntratt klien hemm problema teknika dwar l-irjieħ.

Il-Qorti għarblet sew x'qal l-imputat quddiemha u l-preżentazzjoni taż-żewġ ċekkijiet li baqgħu għand in-nutar sa llum u li ma jistgħux jissarrfu. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat ma kellu ebda mens rea u għalhekk, għal din ir-raġuni wkoll, barra r-raġunijiet tekniċi esposti hawn fuq, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------